# Il-Kanonku Dun Karm Bugelli

**Kitba ta' Louis Spiteri**

Il-Belt ta' Bormla minn dejjem offriet ulied minn tagħha sabiex jagħtu s-servizz tagħhom f'kull sfera tal-ħajja fil-gżejjer tagħna, anzi kultant anki barra minn xtutna. Wieħed minn dawn kien il-Kanonku Dun Karm Bugelli li fost l-oħrajn serva bħala t-tielet kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan li matul din is-sena 2016 iċċelebrat għeluq l-125 sena mit-twaqqif tagħha fis-sena 1891.



*Il-Kanonku Dun Karm Bugelli*

Dun Karm Bugelli twieled f'Bormla fl-20 ta' Lulju tas-sena 1866 u kien ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru, 1889, meta kellu biss 23 sena. Studja fis-Seminarju tal-Imdina fejn mill-ewwel beda l-ħidma saċerdotali fost it-tfal, il-morda u l-foqra. Fis-sena 1894, Dun Karm ġie maħtur Kappillan tal-Imqabba waqt li fl-4 ta' Diċembru, 1895 sar Kanonku tal-Knisja Kolleġġjata tal-Kunċizzjoni, Bormla.

L-Arċisqof Pietru Pace għażlu biex ikun il-kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' San Ġiljan u ħa l-pussess tiegħu fis-17 ta' Frar, 1904, sena qabel ma saret l-Inkurunazzjoni tal-Immakulata tal-Belt tiegħu, Bormla. Hawn ta' min jirrimarka li mal-ħatra tiegħu bħala

kappillan kellu jirrinunzja t-titlu ta' kanonku. Imma l-parrokat tiegħu ma tantx dam, għax wara biss tliet snin u nofs irrinunzja li jkompli jservi bħala Kappillan ta' San Ġiljan. Imbagħad Dun Karm għamel missjoni ta' sentejn fil-gżira ta' Korfù fost l-emigranti Maltin li kienu jgħixu hemm. Hawnhekk huwa bena skola, knisja u dar għas-Sorijiet Franġiskani li għadha teżisti sal-lum. Meta ġie lura minn Korfù, fl-età ta' 47 sena, laħaq bħala l-ewwel Kappillan ta' Birżebbuġia. Dan kien fil-21 ta' Settembru, 1913.

Barra li kien saċerdot, Dun Karm kien ukoll bniedem politiku. Dan kien żmien meta ħafna saċerdoti kienu joħorġu għall-politika. Infatti Dun Karm kien ikkontesta l-elezzjoni tas-sena 1921 mal-Partit Unione Maltese tal-Monsinjur Panzavecchia u kien elett. Ftit wara ħareġ mal-Partit Laburista fejn ukoll kien elett. Sfortunatament, wara ħafna nkwiet, kellu jitlaq mill-Partit Laburista. Hawn nistgħu ngħidu li spiċċat il-ħajja politika tiegħu, għax għalkemm fis-sena 1927 mill-ġdid ikkontesta l-elezzjoni ma' partit ieħor, baqa' l-art għax ma kienx elett.

Huwa għadda l-aħħar snin ta' ħajtu f'Belt Twelidu Bormla f'ħidma pastorali. Dun Karm ħalla din id-dinja f'Jum il-Festa Liturġika ta' Santa Rita fit-22 ta' Mejju, 1936 fl-età ta' 69 sena wara marda qerrieda. Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid.

**CUTTING EDGE HAIR SALON**
**3, St. Margaret Street, Cospicua**
by appointment
Saturday Opens All Day
**Mobile: 99464860**

